KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
*Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020*

**Minuti tal-erbatax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 15 ta' Jannar 2014, fil-5.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsilliera : | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana u |
| | Is-Sinjura Margaret Said |

| | |
|---|---|
| Uffiċċjali | |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Mark Formosa |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-laqgħa bdiet fil-5.00 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, inqraw l-Minuti tal-laqgha ta' qabel u wara li saru l-emendi neċessarji ġew approvati mill-Kunsill.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni fi Triq Sannat, huwa qal li tkellem mad-Direttur is-Sur Joseph Portelli u mal-inġinier tal-Enemalta waqt *site visit*. Huwa qal li waqt din il-*vist* ġie deċiz li l-aħjar li d-dorġa tal-ilma tgħaddi minn quddiem l-iskola filwaqt li l-*cable* tad-dawl jgħaddi minn naħa l-oħra. Dwar il-problema ta' fejn ser jiżboq l-ilma, is-Sindku qal li l-kanal eżisitenti ser jitranġa iżda il-Perit, id-Direttur u

2. Dwar Triq ta' Ċenċ is-Sindku bagħat email lill Perit Mariella Xuereb dwar l-*embellishment* ta' dawn l-inħawi. Huwa qal li kellu risposta li kien hemm xi apparat bil-ħsara. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana semmiet li dawn l-inħawi għandhom ikunu aktar imdawla. Is-Sindku qal li huwa nforma lil Perit biex jgħaddu d-dawl bil-lest anke jekk m'hemmx fondi għal fittings, arbli, etc. Dan biex ma jkunx hemm għalfejn jerġa jinqalaw it-triq u l-bankini.

3. Il-Kunsilliera s-Sinjura Maria Cassar Sultana qalet li għandu jsir reserviour ta l-ilma wkoll. Is-Sindku nforma lil Kunsill li ser isiru xi fergħat ġodda għal xi ġibjun eżistenti. Barra minn hekk huwa ssuġġerixxa li jsiru xi catchments madwar il-pjazza.

4. Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar kwestjonarju li għamel dwar il-Pjazza Santa Margerita. Huwa qara il-kwestjonarju lill-Kunsill u talab lill-Kunsilliera jagħtu s-suġġerimenti tagħhom fil-laqgħa li jmiss.

Il-laqgħa ġiet sospiża fil-5.50p.m. għaliex ġie repreżentant minn Ta' Seguna Folk Group biex ikellem lill-Kunsill dwar pateċċipazzjoni fil-Karnival tar-raħal. Il-laqgħa reġgħet bdiet fil-5.55p.m.

4. Il-Kunsill qabel li l-kwestjonarju għandu jiġi jiċċirkula lill-Kunsilliera qabel jintbagħat. Is-Sindku qal li jixtieq li dan il-proċess jigħaġġel minħabba li hemm il-fondi tal-EU involuti. Huwa semma li sar survey u jidher li l-pjazza trid tinżel żewġ piedi jew tlieta l-isfel. Is-Sindku offra li l-Kunsilliera għandhom jagħmlu pjanta biex tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

5. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-latrina pubblika għandha jkollha *refurbishment*. Huwa qal li hemm ħafna fittings, kanen, etc. qodma u li dawn ma żmien spiċċaw. Barra minhekk mhix aċċessibli għal-persuni b'diżabilita'. Is-Sindku semma li huwa qiegħed joġġeżżjona għal-kont tad-dawl tal-latrina. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill għandu jgħid lil Perit Brian Curmi biex jagħmel l-istejjem tax-xogħol u tal-materjal. Huwa qal li ser jitlob lid-Direttur tax-Xogħolijiet Pubbliċi fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex jibgħatu l-ħaddiema tagħhom biex jagħmlu x-xogħolijiet neċċesarju.

6. Dwar il-kwotazzjoni tal-gallerija ta' l-injam tal-Kunsill is-Sindku qal li daħlet stima oħra ta' €837. Dawn il-kwotazzjonijiet għandhom jiġu diskussi f'laqgħa oħra.

7. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie mitlub biex tinxtara ż-żebgħa għal-bajja ta' Mġarr ix-Xini għall-istaġun tas-sajf li jmiss. Dan ix-xogħol għandu jsir fix-xhur ta' April u Mejju. Il-Kunsill iddeċieda li din għandha tinxtara.

8. Is-Sindku nforma lil-Kunsill li dwar Measure 313 ser jara f'xiex waslet l-applikazzjoni. Huwa qal li għandu jiġi l-Perit tal-KNPD Joseph Spiteri biex jekk kollox huwa kif mixtieq jinħareġ il-Compliance Certificate.

9. Dwar il-proġett ta' Imġarr ix-Xini s-Sindku nforma lill-Kunsill li dan il-proġett għandu bżonn fondi addizzjonali. Huwa qal li bagħat ittra lil Ministru għat-Turiżmu dwar dan. F'din l-ittra talab laqgħa miegħu u għalhekk ser issir din il-laqgħa fit-23 ta' Jannar fil-Berġa d' Italie. Is-Sindku qal ukoll li ser isemmi l-istat ħażin ta' Triq Mġarr ix-Xini wkoll. Huwa qal li billi l-istima kienet ta' tlett miljuni bilfors kien hemm bżonn fondi addizzjonali. Barra minn hekk huwa ser jitlob li jsir parking temporanju wkoll. Is-Sindku semma wkoll li talab lil Ministru Konrad Mizzi biex il-pumping station ta' Mġarr ix-Xini tiġi restawrata u devoluta lill-Kunsill. Huwa tkellem mal-Kap Eżekuttiv tal-Korporazzjoni ta' l-Ilma u jidher li għandu jkun hemm qbil.

10. Ħdejn il-latrina pubblika fi Triq Sannat għandhom isiru ċ-*charging pillars* għal-karozzi ta' l-elettriku. Is-Sindku semma li għandhom isiru għaxra madwar Għawdex u huwa talab li jssir waħda Ta' Sannat. Il-Kunsill qabel dwar dan.

11. Is-Sindku nforma lil Kunsill li hemm bżonn jiġġeddu xi kuntratti fosthom dawk tal-*Cleaning and maintenance of Parks and Garden*, tal-*cleaner* tal-uffiċċju amministrattiv u dak tal-*Urban Street Cleaning*. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġġeddu.

12. Is-Sindku nforma lil Kunsill li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv Mark Formosa ssuġġerexxilu li għandu jsir *Internet Banking* biex ikun hemm aktar effiċjenza fl-operat ta' l-uffiċċju amministrattiv. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir.

13. Is-Sindku nforma lil Kunsill li huwa ġie infurmat mid-Dipartiment għall-Ġvern Lokali li qatt ma ġie nnotifikat li żdiedu s-soft areas billi kien hemm proġetti li tlestew fosthom dawk tad-Daħla taċ-Ċnus u ta' Triq Skelra ffinanżjati minn Eco Għawdex. Dan kien nuqqas ieħor tal-eks Segretarju Eżekuttiv li kellhu jinforma lid-Dipartment għal fondi addizjonali. Għalhekk is-Sindku semma li huwa talab laqgħa mas-Segretarju Parlementari Dr. Jose' Herrera biex jiddiskuti dwar dan.

14. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu talba minn għand l-impjegati l-Assistent Uffiċjal Prinċipali Jason Curmi u l-Iskrivana p/t Geraldin Mercieca biex il-*vacation leave* li ma ttehitx fis-sena 2013 jiġi transferit għal sena oħra. Il-Kunsill qabel li dan isir u s-Sindku rrimarka li l-*vacation leave* għandu jiġi applikat minn qabel kif suppost.

15. Is-Sinkdu ressaq il-Performance Bonus ta' l-impjegati għal-approvazzjoni. Dawn ġew approvati b'dan il-mod:

- L-Eks Segretarju Eżekuttiv Arthur Bajada ġie mogħti 5%
- Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Mark Formosa ġie mogħti 10%
- L-Assistent Uffiċjal Prinċipali Jason Curmi ġie mogħti 6%
- L-Iskrivana p/t Geraldine Mercieca ġiet mogħtija 6%.

Fil-każ tal-Eks Segretarju Eżekuttiv u tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv ir-rapporti ser jintbagħatu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni.

16. Ġiet ippreżentata mozzjoni mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku numru 1/2014 dwar il-ħatra tas-Sur Jason Curmi bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Ta' Sannat. Din ġiet approvata mill-Kunsill unanimament.

17. Ġew ippreżentati u amendati l-Minuti tal-Laqgħat Nru. 7, 8 u 9. Dawn ġew ikkoreġuti b' tipa ħamra kif mitlub mid-Dipartiment għal Gvern Lokali.

18. Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-flyers ta' informazzjoni li d-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali qiegħed jopera kull nhar ta' Ħamis mill-Kunsill Ta' Sannat ġew mqassma f' Ta' Sannat u fl-irħula Ix-Xewkija, Ta' Kerċem, Santa Luċija, Il-Munxar u Ix-Xlendi permezz tal-posta.

19. Dwar il-Karnival il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana qalet li l-kumattiva ser tiġi tiswa €250. L-iskejjel Agius de Soldanis, Sannat Primary u tal-Konservatorju tal-Isqof €70 kull wieħed. Ta' Seguna Folk Group (daqqaqa) €150. Il-kumpaniji ta' San Franġisk u ta' Josephine Formosa €150 kull wieħed. Is-Sindku qal li l-importanti li l-budget ta' €1000 ma jinqabiżx. Huwa qal li l-kompetizzjonijiet tal-kostumi, l-aħjar maskarati spontanji u tal-karrijiet dekorattivi żgħar għandu jsir ukoll u għal dawn jingħataw tophies bħala premijiet lil aħjar tlieta minn kull kategorija.

20. Infetħu t-tenders tal-live streaming u ta' l-office furniture u minn dawn kien hemm offerta għal kull tender.

21. Il-Kunsilliera is-Sinjura Margaret Said infurmat lil Kunsill li l-ħarġa li jmiss ser issir fil-31 ta' Jannar 2014. Din il-ħarġa ser tkun tikkonsisti f'quddiesa fis-santwarju Ta' Pinu u coffee break id-Down Town Restaurant.

22. Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-Laqgħa Ġenerali Annwali għandha ssir fid-29 ta' Jannar 2014 fil-5.00p.m. qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

**Ilmenti u Talbiet**

1. Il-Viċi Sindku semmiet li l-iskrivana part-time tal-Kunsill is-Sinjura Geraldine Mercieca talbet li jiżdiedu s-siegħat ta' xogħol minn 20 siegħa għal 30 siegħa fil-gimgħa. Il-Kunsill qabel li għandna nimxu b'dan il-mod u li is-Sinjura Mercieca għandha tibda minn nhar it-Tnejn 20 ta' Jannar 2014.

2. Il-Kunsilliera s-Sinjura Maria Cassar Sultana semmiet li wasal iż-żmien biex jsir CCTV fil-Pjazza minħabba is-sigurta tal-lokalita'. Is-Sindku qal li fil-legislatura l-oħra kien ipprova iġib il-fondi imma għal xi raġuni dawn ma ngħatawx. Is-Sindku semma li din is-sistema tiswa ħafna flus u daqsxejn diffiċli li ssir mingħajr għajnuna bil-fondi.

3. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Bajada staqsa dwar il-patching tat-toroq bil-*cold asphalt* li għandu jsir mill-kuntrattur. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol għandu jsir u fis-sajf għandu jingħata resurfacing ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942 u parti minn Triq Pisoniano bit-Tender tal-PPP.

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 p.m. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 29 ta' Jannar 2014 fis-6.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Philip Vella** | **Mark Formosa** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |